*B' TIFKIRA*

# VICTOR PASMORE 1908-1998

*Min ġieli mexa t-triq li hemm f' tarf ir-raħal tagħna li twassal lejn in-naħa ta' Ta' Ħmis, żgur li għadda minn quddiem dik id-dar ħelwa, imdawwra bil-kampanja u miżgħuda bl-annimali. Imma forsi ftit huma dawk li jafu li f' din ir-rokna kwieta tar-raħal tagħna kien jgħix pittur ta' fama internazzjonali, li għal aktar minn 30 sena għażel proprju din id-dar fil-Gudja biex iqatta' l-aħħar żmien ta' ħajtu.*

*Dan kien* ***Victor Pasmore****, li ħalliena ftit tax-xhur ilu. Għaldaqstant tajjeb li nsiru nafu ftit aktar dwaru biex b' hekk nagħtuh tislima xierqa li tassew tisthoqqlu.*

Victor Pasmore twieled fl-1908, f' Chelsam, l-Ingilterra. Fi tfulitu, hu kien ġa beda' jħossu miġbud lejn l-Arti tal-Impressjonisti Franċiżi, kif ukoll lejn it-tradizzjonijiet Brittaniċi ta' pittura naturalistika bil-*water-colours.* L-Arti ta' Joseph M.W. Turner kellha impatt kbir fuq it-tiswir ta' l-idjoma ta' Pasmore. Dan hu fatt interessanti, għax għalkemm illum Turner hu meqjus bħala l-aktar pittur li pproduċa *landscapes* oriġinali matul is-Seklu Dsatax kollu, fi żmien it-tfulija ta' Pasmore ftit li xejn kien qiegħed jiġi apprezzat.



*VICTOR PASMORE*
**(1908-1998)**

Matul iż-żmien tal-iskola tiegħu f' Harrow, Pasmore beda juri t-talenti artistiċi tiegħu u għalhekk kompla jistudja l-Arti fis-*Central School of Arts and Crafts* ta' Londra. Madanakollu, hu qatt ma kellu taħriġ artistiku *full-time*. Dan il-fatt għen ħafna biex Pasmore qatt ma ħass il-ħtieġa li jirribella kontra l-mod tradizzjonali ta' kif kienet qiegħda tiġi pperċepita l-Arti : ħaġa li l-biċċa l-kbira tal-pitturi ta' żmienu kienu jħossu. Minħabba f' hekk, Pasmore ma ġiex aċċettat faċilment

fid-dinja ta' pitturi żgħażagħ ta' l-istess ġenerazzjoni tiegħu, u għalhekk kellu jdum ftit mhux ħażin sakemm beda l-karriera tiegħu bħala pittur professjonali. Dan ma jfissirx li x-xogħol ta' Pasmore kien imwarrab. Anżi, l-Arti tiegħu kienet apprezzata minn kmieni, tant li fl-1934, meta kien għad għandu biss 26 sena, ħa sehem fl-esibizzjoni *Objective Abstractions*, fiż-*Zwemmer Gallery*.

Dawn l-ewwel xogħlijiet tiegħu juru influwenzi kemm mill-moviment Kubista kif ukoll minn dak Favista. Filwaqt li jesprimu t-talent naturali ta' Pasmore li joħloq espressjoni pjaċevoli, dawn ix-xogħlijiet bikrija huma wkoll prova ta' l-interess personali tiegħu fit-teorija estetika tal-movimenti artistiċi moderni. Influwenzi oħra jinħassu ġejjin mill-Arti ta' James A.M. Whistler u mill-pittura Ċiniża, speċjalment mill-perjodu *Sung* (960-1278 W.K). Il-qari kontinwu dwar l-Arti kontemporanja, speċjalment dak li pitturi oħra kienu kitbu dwar ix-xogħlijiet tagħhom stess, dejjem kellu seħer fuq Pasmore u effett kbir fuq il-pittura tiegħu. Dan jista' jidher ċar fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, meta Pasmore intefa' b' ruħu u b' ġismu fuq il-kitba ta' Paul Cezanne, Vincent Van Gogh u Paul Gaugin : uħud mill-personaġġi l-aktar importanti fit-twelid tal-espressjoni artistika moderna. B' riżultat ta' dan, iż-żmien tal-Gwerra kien wieħed mill-aktar perjodi prolifiċi matul il-karriera ta' Pasmore.

Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Pasmore kien mgħejjun minn bosta nies prominenti li skoprew qabel kulħadd it-talenti tiegħu. Ewlieni fost dawn kien hemm Lord Kenneth Clark - li kien l-aqwa storiku ta' l-Arti fi żmienu u li okkupa diversi karigi importanti b' konnessjoni ma' l-Arti, speċjalment dik ta' Direttur tan-*National Gallery* ta' Londra. Lord Clark wera fidi ġenwina fix-xogħlijiet ta' Pasmore, meta akkwista bosta minnhom qabel ma kien jafu personalment. Clark kien importanti wkoll biex wassal lil Pasmore biex jakkwista numru ta' patruni, u b' hekk ħejjielu t-triq biex hu jkun jista' jgħix bħala pittur u biex jakkwista l-bidu tal-fama bħala bniedem ta' l-Arti.

Wieħed mill-aktar aspetti importanti fil-karriera twila ta' Victor Pasmore seħħ fl-1937, meta flimkien ma' William Coldstream u Laurence Gowing, waqqaf dak li beda jissejjaħ bħala l-*Euston Road Group*. L-isem oriġina mill-fatt li dawn it-tlieta kienu jattendu lis-*School of Drawing and Painting* f' *Euston Road*, ġewwa Londra. L-Arti li pproduċa dan il-grupp kienet turi begħid mill-astrattiżmu popolari f' dawk iż-żminijiet, u tqarrib mill-ġdid lejn in-naturaliżmu. Sfortunatament, minħabba t-traġedja umana tat-Tieni Gwerra Dinjija, dan il-grupp sfaxxa mingħajr ma ħalla impatt fuq l-iżvilupp artistiku f' dawn iż-żminijiet imwegħra.

Fl-1940 Pasmore tella' l-ewwel eżibizzjoni bħala solista. Fi snin ta' wara l-gwerra, lejn l-aħħar ta' l-Erbgħinijiet, huwa għamel bidla kompleta fl-idjoma tiegħu, meta, madwar



***INLAND SEA*, 1950**
**Waħda mill-pitturi pajsaġġistiċi astratti ta' Pasmore**

l-1947, hu reġa ikkonverta mill-istil figurattiv għall-Arti purament astratta. Fi żmien qasir, Pasmore sar figura ċentrali fil-qasam ta' l-Arti astratta, u l-fama tiegħu xterdet ma' l-Ewropa kollha.

Imbagħad, fis-snin Ħamsin, speċjalment minħabba l-influwenza tal-ktieb *Art as an Evolution of Visual Knowledge* ta' Charles Biederman, Pasmore skopra mod ġdid ta' espressjoni. Dan kien jikkonsisti f' kostruzzjonijiet ta' relievi astratti. Din it-tip ta' espressjoni ġiet imsejħa minn Pasmore innifsu bħala *Line and Space*. Dan il-perjodu beda' fl-1957 u baqa' sejjer matul is-snin Sittin. Matul dan iż-żmien, wieħed jista' jiddeskrivi lil Pasmore bħala skultur aktar milli pittur, għax ix-xogħlijiet tiegħu kien sar tri-dimensjonali. Din it-tip ta' espressjoni tifforma f' xogħlijiet magħmula minn linji, kemm mgħawġin kif ukoll dritti, ġeneralment suwed fuq sfond abjad. Il-linji mgħawġin jieħdu r-rwol ta' ħnejjiet b' saħħithom li bħal donnhom jinsabu jikkumbattu b' mod kalm il-qawwa tal-linji dritti.



***RELIEF CONSTRUCTION***
***IN WHITE, RED AND INDIAN RED,* 1962**
**Waħda mill-Kostruzzjonijiet ta' Pasmore**

Is-sejba ta' din it-tip ta' espressjoni hija fattur importanti ħafna kemm fil-ħajja ta' Pasmore innifsu kif ukoll fl-istorja ta' l-Arti tas-seklu Għoxrin, minħabba l-fatt li Pasmore kien wieħed minn ta' l-ewwel li beda joħloq din it-tip ta' espressjoni artistika. Kien Pasmore li xerred dawn l-ideat fl-Ingilterra, minn fejn imbagħad ġew esportati lejn l-iStati Uniti - il-post li sar l-aktar ċentru artistiku importanti tad-dinja fil-perjodu modern. F' dawn il-kostruzzjonijiet, Pasmore kien jagħmel użu minn diversi materjali, ħafna minnhom innovattivi, bħalma huwa il-*perspex* trasparenti. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet ġew inklużi bħala partijiet integrali f' xogħlijiet arkitettoniċi importanti.

Dan kollu wassal biex bejn l-1955 u 57, Victor Pasmore okkupa l-kariga importanti ta' Direttur tal-*Urban Architectural Design* f' Peterlee New Town, County Durham. Xhieda ta' l-importanza kemm tal-persuna kif ukoll ta' l-espressjoni artistika ta' Pasmore tinsab fil-fatt li huwa wera x-xogħlijiet tiegħu f' uħud mill-aqwa esibizzjonijiet mondjali, fosthom dawk ta' Hannover (1962), Londra (1965), kif ukoll fil-*Biennale di Venezia* (1960). Fl-1964, Pasmore ingħata l-*Pittsburgh International Price for Painting,* wieħed mill-aqwa rikonoxximenti fil-qasam artistiku mondjali.

Il-bidla radikali fl-istil ta' Victor Pasmore fis-snin Erbgħin, li ħaditu mir-rappreżentazzjoni figurattiva lejn l-espressjoni astratta, kienet kwistjoni li ħolqot diversi dibattiti u ideat kontrastanti. Dan l-argument tar-relazzjoni bejn l-Arti figurattiva u dik astratta hu wieħed mill-pernijiet ċentrali fl-arti tal-perjodu modern. Pero, il-bidla fl-arti ta' Pasmore, fil-fatt, ma kinitx radikali daqs kemm kienet tidher ma' l-ewwel daqqa t' għajn, għax ħafna mit-temi mħaddna minnu fl-ewwel perjodi tal-karriera tiegħu baqgħu predominanti anki f' dawn it-tendenzi astratti. Aktar milli fil-pittura tiegħu, Pasmore kien radikali f' dak li ppriedka u għallem, l-aktar meta kien isostni li

l-futur tal-pittura ma kienx jiddependi biss mill-astrazzjoni iżda mill-iżvilupp tagħha fit-tielet dimensjoni. Skond Pasmore, l-arti astratta kellha tiżviluppa f' elementi materjali li jsibu posthom fi spazju reali, bħalma hu stess kien qiegħed joħloq fil-kostruzzjonijiet tiegħu.

Fuq dan il-ħsieb, Pasmore sawwar kors ta' *basic design* li beda jiġi addottat mill-iskejjel ta' l-arti f' pajjiżu. Dawn il-korsijiet tiegħu, kif ukoll oħrajn simili li ġew ispirati minnu, kienu ta' importanza enormi fit-twaqqif u t-tiswir ta' l-arti astratta fl-Ingilterra. Fil-Ħamsinijiet, dan l-eżempju ta' Pasmore kien is-sinsla li saħħaħ il-firxa wiesgħa ta' espressjonijiet artistiċi astratti fl-Ingilterra. Fis-snin Sittin, Pasmore, flimkien ma' oħrajn, kien essenzjali biex l-iskejjel ta' l-arti Ingliżi jsiru istituzzjonijiet aktar serji u professjonali.



***ABSTRACTION IN WHITE, OCHRE & BLACK***
***(Transparent Projective Relief)*, 1963**
**Eżempju ieħor ta' Kostruzzjoni**

F' nofs is-snin Sittin, Pasmore, flimkien mal-mara tiegħu Wendy, għażel li jħalli art twelidu biex jiġi jqatta' l-kumplament ta' ħajtu f' Malta. Huma għażlu proprju l-Gudja bħala l-post tal-għixien tagħhom. L-għażla tad-dar f' nofs il-kampanja, kif ukoll l-imħabba għat-trobbija ta' bosta annimali, juru li anke lejn l-aħħar fażijiet ta' ħajtu, Victor Pasmore baqa' jħossu marbut b' rabta speċjali man-natura. F' Malta, Pasmore baqa' attiv daqs qatt qabel. Ix-xogħlijiet tiegħu f' dawn l-aħħar perjodi juru immaġinazzjoni mingħajr limiti li permezz tagħha, Pasmore irnexxilu jibqa' kreattiv sa' l-aħħar. Dawn l-aħħar produzzjonijiet tiegħu jitkellmu dwar il-ħajja, fis-sabiħ tagħha u fil-ġmiel ta' l-ambjent viżiv. Huwa probabbli li l-ambjent Mediterranju tal-gżejjer tagħna ħalla effett kbir fuq il-pittura ta' Pasmore, għax fiha, wieħed jista' faċilment jilmaħ is-sema u l-baħar kaħlana, bil-qawwa tal-kobor infinit tagħhom.

Hija ħasra li personalita' daqstant importanti għexet għal dawn is-snin kollha f' nofsna mingħajr qatt ma ngħatat attenzjoni biżżejjed u mistħoqqa. Għalhekk, dan il-każ ta' Pasmore għandu jgħallimna biex ngħożżu u napprezzaw aktar l-ambjent kulturali u artistiku ta' madwarna, għax wara kollox, dan huwa ta' kull wieħed u waħda minna.

Victor Pasmore ġie deskritt minn Lord Kenneth Clark bħala "*wieħed mill-aktar tnejn jew tliet pitturi Ingliżi l-aktar importanti tas-seklu Għoxrin*". Għalhekk, tajjeb li bħala tislima, nispiċċaw billi naraw kif Pasmore stess kien jaħsibha dwar il-pittura u dwar ix-xogħlijiet tiegħu. Din li ġejja hija silta mill-introduzzjoni li hu stess kiteb fl-1992, għall-ktieb fuq l-aħħar xogħlijiet tiegħu :

"Il-fattur prinċipali li jiddistingwi ir-rivoluzzjoni moderna fil-Pittura mill-manifestazzjonijiet ta' qabel huwa s-suċċess fil-kisba ta' l-indipendenza, kemm fil-prodott viżiv, kif ukoll fil-proċess suġġettiv. Iżda bit-tisħiħ ta' dan il-fattur kreattiv bħala l-funzjoni ċentrali tagħha, il-Pittura moderna kellha qabel xejn tarmi l-opinjonijiet antiki, tradizzjonali u oġġettivi tagħha. Dan it-twarrib tal-metodu tradizzjonali fir-rappreżentazzjoni

viżiva ħelset il-fattur irrazzjonali li jseħħ waqt il-proċess kreattiv. Dan ma jfissirx li l-ideat tradizzjonali huma kollha ta' min jarmihom. Dan ifisser biss li l-funzjonijiet tagħhom inbidlu. Għalhekk, il-Pittura moderna kibret kemm bħala naturaliżmu ġdid, kif ukoll bħala umaniżmu modern, li fih, l-indipendenza personali hija l-ispirazzjoni ċentrali.

Dawn l-aħħar xogħlijiet tiegħi juru dawn iż-żewġ forom ta' Pittura : fuq naħa l-waħda, l-indipendenza totali u fuq in-naħa l-oħra, ir-rappreżentazzjoni astratta. Dawn iż-żewġ aspetti ġew żviluppati bħala żewġ proċessi separati, iżda fl-istess ħin, b' mod reċiproku."

(Victor Pasmore, 1992)

***Cyprian P. Dalli***

*Dan l-artiklu qiegħed jiġi mwassal bil-kortesija tal-**FREEPORT TERMINAL - Malta PLC***

**Referenzi :**


- *Bowess, A.*, **Victor Pasmore**, Londra, 1980
- *Lynton, N.*, **Victor Pasmore, Painting and Graphics 1980-1992**, Londra, 1992
- *Lynton, N.*, **The Story of Modern Art**, Londra, 1994
- *Osborne H. (Ed.)*, **The Oxford Companion to Art**, Oxford, 1993.
- *Read, H.*, **A Concise History of Modern Painting**, Londra, 1988
- *Read, H.*, **Modern Sculpture : a Concise History**, Londra, 1996



**Family Store**

*Hanut fejn il-familja ssib il-prodotti li tixtieq, fosthom :*
*prodotti tal-GOOD EARTH*
*prodotti tat-TESCO*
*kull tip ta' ġobon u perżut*

FUQ KOLLOX, INDAFA U SERVIZZ

Prop: Mr. & Mrs. J. Spiteri
37, Xlejli Road, GUDJA

Tel. 695693